— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 5540 final tas-6 ta' Awwissu 2020 u Deċiżjoni C(2021) 2834 final tad-19 ta' April 2021; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż; jew

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni fuq il-mertu u tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li ma hemmx riskju li l-Kummissjoni tikser fil-ġejjieni l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar it-Trasparenza") minħabba li:

i. il-bażi legali "klima ta' fiduċja reċiproka" ma tikkostitwixxix preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità; u

ii. ma hemm l-ebda riskju li l-Kummissjoni terġa' tinvoka bażi legali vaga, bħalma hija "klima ta' fiduċja reċiproka", f'talbiet fil-ġejjieni għal aċċess għal dokumenti.

Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li ma hemm l-ebda riskju li jerġa' jkun hemm ksur tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' amministrazzjoni tajba, u li jerġa' jsir ksur procedurali tar-Regolament dwar it-Trasparenza li seħħew fil-proċedura li waslet għal dawn il-proċedimenti.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Piteşti (ir-Rumanija) fit-2 ta' Marzu 2023 – Asociația "Forumul Judecătorilor din România", Asociația "Mişcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor" vs Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație şi Justiție – Procurorul General al României**

**(Kawża C-53/23, Asociația "Forumul Judecătorilor din România")**

(2023/C 189/13)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Piteşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Asociația "Forumul Judecătorilor din România", Asociația "Mişcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor"

*Konvenut:* Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație şi Justiție – Procurorul General al României

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, flimkien mal-Artikolu 12 u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludu t-tqegħid ta' limiti fuq it-tressiq ta' azzjonijiet ġudizzjarji mill-assoċjazzjonijiet professjonali tal-membri tal-ġudikatura, intiżi sabiex jippromwovu u jiddefendu l-indipendenza tal-ġudikatura u l-Istat tad-dritt, kif ukoll sabiex jissalvagwardjaw l-istatus tal-professjoni, bl-introduzzjoni tal-kundizzjoni eċċessivament restrittiva tal-eżistenza ta' interess privat leġittimu, abbażi ta' deċiżjoni vinkolanti tal-Înalta Curțe de Casație şi Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), segwita minn prassi ġurisprudenzjali nazzjonali, f'kawżi simili għal dik fil-kawża prinċipali li fiha tressqet din it-talba, li timponi rabta diretta bejn l-att amministrattiv suġġett għall-istħarriġ tal-legalità mill-qrati u l-iskop dirett u l-għanijiet tal-assoċjazzjonijiet professjonali tal-membri tal-ġudikatura, previsti fl-istatuti tagħhom, f'sitwazzjonijiet fejn l-assoċjazzjonijiet ifittxu li jiksbu protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'oqsma rregolati mid-dritt tal-Unjoni konformement mal-iskop u mal-għanijiet ġenerali tal-istatut tal-assoċjazzjonijiet?

2) Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928 tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([1]), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrestrinġi l-kompetenza tad-Direcția Națională Anticorupție (id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rumanija) billi tassenja l-kompetenza esklużiva ta' investigazzjoni ta' reati ta' korruzzjoni (*lato sensu*) imwettqa minn membri tal-ġudikatura u minn prosekuturi lil prosekuturi maħtura speċifikament (mill-Procurorul General al României (il-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija), fuq proposta tal-assemblea plenarja tal-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, ir-Rumanija)) fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anness mal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) jew fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anness mal-qrati tal-appell, fejn dawn tal-aħħar għandhom ukoll ġurisdizzjoni fuq il-kategoriji l-oħra ta' reati mwettqa mill-membri tal-ġudikatura u mill-prosekuturi?

([1]) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Haskovo (il-Bulgarija) fis-7 ta' Frar 2023 – "Ekostroy" EOOD vs Agentsia "Patna infrastruktura"**

**(Kawża C-61/23, Ekostroy)**

(2023/C 189/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Qorti tar-rinviju

Administrativen sad – Haskovo

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* "Ekostroy" EOOD

*Konvenut:* Agentsia "Patna infrastruktura"

### Domanda preliminari

L-Artikolu 9a tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit ta' proporzjonalità tas-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati taħt din id-direttiva, rekwiżit li huwa previst f'dan l-artikolu, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, filwaqt li tippermetti eżenzjoni mir-responsabbiltà amministrattiva ta' natura kriminali fil-każ li titħallas "tariffa kumpensatorja", tipprevedi l-impożizzjoni ta' multa jew ta' sanzjoni pekunjarja li l-ammont tagħhom huwa stabbilit minn qabel fir-rigward tal-ksur, irrispettivament min-natura u mill-gravità tiegħu, tar-regoli marbuta mal-obbligu li jitħejja u jitħallas bil-quddiem il-pedaġġ marbut mal-użu tal-infrastruttura tat-toroq?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 372.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fit-13 ta' Frar 2023 – Cobult UG vs TAP Air Portugal SA**

**(Kawża C-76/23, Cobult)**

(2023/C 189/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Frankfurt am Main

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Cobult UG

*Konvenut:* TAP Air Portugal SA